ta' Ġulju II, sejjaħ lil dak il-ħabib u wrieh kolonna. Ġagħlu jaqbad l-iskalpell u r-raspi u beda jgħidlu biex inaqqax minn hawn u jillixxa minn hemm, biex jiċċajta minn naħa u jħaffer minn oħra. Il-ħabib ta' Buonarroti, wara ftit taż-żmien, baqa' mistagħġeb bil-figura sabiħa ta' rsir li ħarġitlu minn taħt idejh. Għajnejh imberrqin, il-ħabib għan- naq lil Michelangelo u qallu: "Bis-saħħa tiegħek jiena ntbaħt li għandi fija l-Arti ta' l-iskultura! Jiena artist kbir!" M'għandniex xi ngħidu, Michelangelo ma kisrux, iżda tbissem. Ma kinitx l-ewwel darba li min nefaħ l-orgni ħaseb li hu aqwa mill-organista.

Kien hemm u għad hawn min ħallat il-pjaċiri ta' l-immaġinaz- zjoni ma' dawk ta' l-Arti b'mod li nħolqu t-taħwid u l-konfużjoni. Konfużjoni, tabilħaqq, għaliex il-pjaċiri ta' l-immaġinazzjoni m'għand- hom x''aqsmu xejn ma' l-oġġetti materjali waqt li dawk ta' l-Arti għandhom x'jaqsmu mal-forma artistika.

Ta' l-ewwel m'humiex ħag'oħra ħlief il-passjonalità li tiġi diret- tament mill-prattika, tat-tieni huma l-kontemplazzjoni spiritwali li għandha oriġini teoretika.

---

# L-GĦANJA TAX-XOGĦOL

*Ta' WALLACE Ph. GULIA*

Sabiħa l-għanja ta' min ħabb;
sabiħa wkoll il-lehma tal-ħolqien;
'mma jien illum mhux dak irrid ingħanni!

Ngħanni rrid il-ġmiel tax-xogħol li sar,
is-seħer tat-taħbit li wasal fl-aħħar,
fil-ħin li l-ħsieb imidd fit-tul
biex tara x'ħidma ġdida tmissu x'ħin iżernaq.

Jekk dan ma tafx, għadek ma għextx!
għadek qed toqrob lejn in-nofs tal-belt
fejn hemm id-dwal is-sbieħ, l-imsieraħ kbar,
il-ħwienet fejn kull għajn tiekol u tqatta'!

Jekk taf, iktar sabiħa l-għanja ta' min ħabb,
is-seħer tal-ħolqien aktar qalil,
għax fih is-serħ mistħoqq,
l-għasel għall-ġrieħi
ta' min tħabat, stinka, ta
biex tfur il-ħajja,
aħjar, sabiħa, komda għal kulħadd.



# "JIEN ALLA SIDEK ......"

*Ta' J. CAMILLERI*

Beżgħan li jitlef il-ġenna, Fra Lippu
Ħarab mill-ħajja, mid-dinja u l-benna
Biex mar igħammar fil-ħemda tax-xagħri.
Għaraf li mwiegħra u għollieqa t-trejqa
Li tieħu għall-Mulej. Id-dinja hienja
Fil-bluha u l-frugħa mitlufa, stednitu
Warajha; 'ma għal ruħu mbeżża' r-raħeb
Insatar fl-ixkora u tħażżem bil-ħbula
U mixħut fuq il-qiegħa tal-blat rieżaħ,
Igħaddi jitlob u jishar l-iljieli.

Ħaddejh mixruba għax bilkemm jitrejjaq,
Għajnejh fil-ħofra jitbekkew il-ħniena.
Ma jiflaħx igħarrex is-sema fil-bogħod
Fejn imxennaq jistenna jsib is-sethan,
Għax kull ma jmur saħħtu tinfena jħoss.
Xuxtu qotnija, bixritu sfajrija,
Mixjietu tqila megħjuna mill-ħatar
Jixhdu snin twal ta' tbatija u ċaħda.

Lippu, lejl wieħed, f'għarixu miġbur,
Inxteħet fit-tiben għax ħassu għajjien.
Nefaħ bid-dwejjaq u beka sogħbien
Għax ruħu mnikkta mistrieħ ma sabitx.
"Ġrejt wara Alla, ħabbejtu fuq kollox,
Ħallejt id-dinja bi tlellixha warajja
U ċħadt għal xewqiet t'ulied kotrana.
Inħossni minsi u Hu ma jridx jaf bija.
Għaliex warrabni? Għalija barrani
Il-Mulej. Tgħid għalxejn ix-xenqiet tiegħi?
Ħlejt għomri diemi f'tamiet ta' ħolm fieragħ
Bla qatt fittixt dan hux ħrafa u gidba"
Kif kien mitluf ħassu ħafif meħud
Fil-għoli għoli bħal sħaba merfugħ
Ħdejn il-qawsalla fid-dinja tal-bjuda.
Issaffa ċ-ċpar u żernaq jum igħaxxaq.
Ħeġġeġ is-sema b'taħlita ta' lwien.
Dehret id-dinja daqs naqra fil-bgħid
Tħammar, l-ibliet u l-irħula mferrxin.
Jilma fix-xemx is-sħab dehmi fil-għoli,
Tbaxxa u statar lir-raħeb miblugħ.